MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2004

Numru. 766/2004

PULIZIJA
SPETTUR STEPHEN J GATT
VS
LORRAINE ALISON BONNICI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Lorraine Alison Bonnici ta’ 29 sena mart Peter u bint Emanuel Attard u Annette Zammit, imwielda San Giljan fis-7 ta’ Dicembru 1974 u toqghod 17/7 Marsa Flats, Triq San Luqa Pieta ID 582974M talli nhar l-20 ta’ Novembru 2003 gewwa l-Imsida volontarjament hassret, ghamlet hsara jew gharrqet vettura Peugeot TAT 101 li tappartjeni lil Edward Gatt u Natalie Gatt  minn B’Kara mobbli jew immobbli liema ammont ta’ hsara ma jkunx jiskorri hames mitt lira, imma jkun izjed minn hamsin lira.

Semghet ix-xhieda bil-gurament

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputata sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tat-3 ta' Novembru 2004 fejn l-imputata ammettiet ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront taghha.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni taghha il-Qorti ssib lill-imputata hatja skond l-akkuza u wara li rat Art 325(b) tal-kap 9 u Art 22 tal-kap 446 tillibera bil-kondzzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------